

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0096/08  
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura  
minn Marco Cappato u Marco Pannella f'isem il-Grupp ALDE  
lill-Kummissjoni

Suġġett: Demokrazija, Drittijiet tal-Bniedem u ftehma ġidha ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn I-UE u I-Vjetnam

- billi, f'Novembru tal-2007, waqt żjara tal-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Barroso, bdew in-negożjati għal ftehma ġidha ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn I-UE u I-Vjetnam u li l-ewwel negożjati saru f'Lulju 2008;
- billi se jsiru negożjati ġodda f'Ħa-noj fl-20 u fil-21 ta' Ottubru 2008;
- billi l-ftehima propria ta' koperazzjoni tħalli l-klausola tad-Drittijiet tal-Bniedem, fuq bażi tal-fatt li fl-Artikolu 1 hemm miktub li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi huwa l-bażi għall-koperazzjoni bejn il-Partijiet u jikkostitwixxi l-element essenzjali tal-Ftehma;
- billi r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam hija Stat b'partit wieħed, taħt il-kontroll tal-Partit Komunista Vjetnamiż, li jeżerċita kontroll sħiħ anke fuq it-trejdunjins, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet reliġjużi u l-midja;
- billi vjolazzjonijiet sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet ċivili ġew dokumentati fil-Vjetnam, b'mod partikolari kontra minoritajiet etniċi bħall-Montagnards (Degar) u organizzazzjoniet reliġjużi mhux rikonoxxuti bħall-Knisja Unifikata Buddista, u li, skont NGOs influenti, fl-aħħar 18-il xahar, mill-inqas 26 dissident politiku ngħataw sentenza ta' ħabs;
- billi I-Vjetnam huwa pajjiż li għad għandu l-piena tal-mewt; billi f'dawn l-aħħar snin l-użu tal-piena tal-mewt żdiedet u li fl-2008 mill-inqas 83 persuna ngħataw sentenza ta' mewt, inklużi 14-il mara;

X'inizjattiva, jekk hemm, qiegħda tieħu l-Kummissjoni sabiex tiżgura li n-negożjati għall-ftehima ġidha ta' sħubija u koperazzjoni twassal għal passi konkreti 'i quddiem fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istabbiliment tad-demokrazija fil-Vjetnam?

Liema titjib tanġibbli l-Kummissjoni qiegħda tqis bħala neċċessarju sabiex tilħaq ftehma li tista' tkun sodisfaċenti anke fl-ambitu tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem?

Tressiq: : 23.09.2008  
Mibgħuta: 25.09.2008  
Skadenza: 02.10.2008

743900.MT

PE 372.892